# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Mejju 2000**

**Numru 55**

**Citaz. numru 667/94DS**

Carmela Busuttil
vs
Miriam Zammit

Illum, 12 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Mejju 1994 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi:

Fl-14 ta' Dicembru 1992, il-konvenuta li kienet qed issuq karroza b'numru ta' registrazzjoni U-5563 b'traskuragni kbira, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tajret lill-attrici miexja ghall-affari taghha f'Atocja Street, Hamrun ghall-habta ta' 2.45 p.m.

Dan l-incident sehh b'tort uniku tal-konvenuta.

Minhabba dan l-incident il-konvenuta soffriet danni konsiderevoli fosthom anke dawk ta' natura personali, kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok. A.

talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara l-incident awtomobbilistiku li sehh fl-14 ta' Dicembru 1992, f'Atocja Street, Hamrun meta l-konvenuta b'imperizja kbira, traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, tajret lill-attrici li kienet miexja ghall-affari taghha, sehh tort uniku tal-konvenuta.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici permezz ta' Perit nominandi.

3. Tikkundanna l-konvenuta thallas lill-attrici dik is-somma likwidata ai fini tat-tieni talba.

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn qalet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni gara tort unikament tal-attrici.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-27 ta’ Gunju 1994 fejn gie nominat it-tabib kirurgu Frederick Zammit Maempel bhala perit mediku biex jirrelata jekk l-attrici ssofrix minn dizabilita` bhala rizultat ta’ l-incident in kwistjoni;

Rat id-digriet tal-21 ta’ Novembru 1994 fejn l-imsemmi perit mediku gie sostitwit bit-tabib kirurgu Carmel Sciberras;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-22 ta’ Jannar 1996;

Rat id-digriet tat-13 ta’ Marzu 1996 fejn gew nominati bhala periti medici addizzjonali l-Profs. Kirurgu Victor J. Griffiths, it-tabib kirurgu Joseph Attard u t-tabib kirurgu Frederick Zammit Maempel;

Rat id-digriet tal-25 ta' Settembru 1996 li permezz tieghu l-perit mediku Mr. Frederick Zammit Maempel gie sostitwit mit-tabib kirurgu Charles Grixti;

Rat ir-relazzjoni taghhom debitament mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Hu inkontestat li l-incident in kwistjoni gara waqt li l-konvenuta kienet qed tirriversja l-karrozza taghha minn Atocia Street, Hamrun. L-attrici, fid-dikjarazzjoni guramentata taghha annessa mac-citazzjoni ssostni li dan gara minhabba traskuragni kbira, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta li b'hekk tajret lill-attrici waqt li kienet miexja ghall-affari taghha. Il-konvenuta, mill-banda l-ohra, issostni fid-dikjarazzjoni guramentata taghha li l-incident gara ghax l-attrici ma tatx kaz ta' vetturi fit-triq u qabdet u qasmet it-triq b'perikolu ghaliha nnifisha.

Fl-affidavit taghha tas-7 ta' Dicembru 1994 l-attrici spjegat li kienet miexja ghall-affari taghha 'l isfel lejn Atocia Street, Hamrun u meta harset lura ma rat lil hadd niezel. Minn warajha ma jistghux jitilghu karrozzi. Hi u niezla giet karrozza li kienet ipparkjata li baqghet niezla b'lura u tatha daqqa li biha dawritha dawra mejt u ma waqghetx ghax zammet mal-karrozza. Kif is-sewwieqa semghet il-hoss kbir hi regghet irriversjat u tatha daqqa ohra li biha l-attrici spiccat ma' l-art.

Il-konvenuta xehdet quddiem il-Qorti fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2000. Is-succint ta' dak li qalet hu li kienet qed tirriversja thares lura mbaghad dawret rasha biex thares 'il quddiem u taghti "first gear", u waqt li ghadha qed tregga' lura hasset lil xi hadd imissilha l-karrozza, waqfet u meta nizlet mill-karrozza rat lill-attrici ma' l-art.

Filwaqt li ma jirrizultax mill-provi li l-attrici qabdet u qasmet it-triq minghajr ma tat kaz ghat-traffiku, jirrizulta li l-konvenuta irriversjat ghal xi distanza minn pozizzjoni pparkjata f'Atocia Street u kienet qed

tirriversja ghal go Triq San Vincenz. Jirrizulta wkoll li ghal parti mill-hin waqt il-manuvra ta' riversjar ma kenitx qed thares lura.

Il-Highway Code, in materja ta' riversjar, jissollecita espressament:

> *"80. Before you reverse, make sure that there are no children or other persons or any obstruction in the blind area behind you. Remember that when reversing and turning, the front part of your vehicle will protrude further out into the street.*
> *81. Do not reverse from a side road into a main road.*
> *82. If your view to the rear is restricted, get help when reversing.*
> *83. Do not reverse for a greater distance than is absolutely necessary."*

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk l-uniku tort ghall-incident in kwistjoni hu tal-konvenuta li naqset milli taghti l-attenzjoni mehtiega biex tassigura ruhha li ma hi se tkun ta' ebda perikolu fil-manuvra taghha. Ghalhekk hija trid twiegeb ghad-danni rizultanti.

Dwar *damnum emergens*, ghalkemm fl-affidavit taghha l-attrici ssemmi drabi meta marret ghand specjalisti u halset ghas-servizzi taghhom, hija ma pproduciet l-ebda rcevuta in sostenn ta' dan. Ghalhekk ma hi se tigi likwidata l-ebda somma bhala *damnum emergens*.

Mill-provi ma jirrizultax li l-attrici kienet impjegata izda li kienet mara tad-dar. Issa ghal dak li jirrigwarda *lucrum cessans* hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna li mara tad-dar hi intitolata ghal kumpens ("Carmelo Zammit et vs George Bezzina et", Qorti ta' l-Appell, 19 ta' Settembru 1973; "Nazzareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et", Qorti ta' l-Appell, 16 ta' Jannar 1984). U fil-kawza fl-ismijiet "Elizabeth Grech et vs Mario Briffa" deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Frar 1997 (Citaz. Nru. 93/94 GCD), intqal li *"billi x-xoghol tad-dar ukoll ghandu valur ekonomiku, u l-kontribut li taghti mara tad-dar lill-ekonomija domestika ma ghandux jitqies li hu anqas minn dak li jaghti r-ragel, fil-fehma tal-qorti x-xoghol tad-dar ghandu jitqies li jiswa mhux inqas mill-paga minima nazzjonali"*, principju li gie segwit ukoll fil-kawza fl-ismijiet "Maria Dolores Borg et vs Emanuel Zammit" deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Marzu

1999 (Citaz. Nru. 1286/93 NA). Skond l-Avviz Legali Nru. 220 ta' l-1999, il-paga minima nazzjonali hija Lm48.38 fil-gimgha, cioe` Lm2516 fis-sena. Sabiex wiehed jikkunsidra zidiet ohrajn li jinghataw 'il quddiem, u fuq l-iskorta ta' l-ahhar sentenza kwotata, huwa xieraq li din il-figura tizdied b'hamsa fil-mija (5%) ghal Lm2641.

Fl-affidavit taghha l-attrici qalet li qabel l-incident kienet tinqeda wahedha izda llum ma tista' tmur imkien ghax tghejja kullimkien bil-wieqfa. Kellha anke tbiddel ir-residenza taghha biex tnaqqas mit-tarag. Ikollha wkoll tiehu painkillers. B'rizultat ta' l-incident in effetti jirrizulta li hija sofriet dizabilita` permanenti. L-ewwel espert mediku kkwantifika din id-dizabilita` fl-ammont ta' ghaxra fil-mija (10%). L-esperti medici addizzjonali, nominati fuq talba tal-konvenuta, ziedu dan il-persentagg ghal tnax fil-mija (12%). Fil-fehma tal-Qorti m'hemm l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tiehu din il-figura ta' tnax fil-mija (12%) bhala l-grad attwali ta' dizabilita` permanenti.

Nigu issa ghall-"multiplier". Skond il-gurisprudenza recenti li din il-Qorti kif presjeduta tikkondividi, *"fil-kaz ta' mara tad-dar il-"multiplier" m'ghandux necessarjament iwassal biss sal-eta` tal-pensjoni stante li l-mara tad-dar ma tihux (almenu s'issa!) pensjoni ghax-xoghol casalinga li taghmel wara l-eta` ta' 61"* ("Maria Dolores Borg et vs Emanuel Zammit", fuq citata). L-attrici f'din il-kawza kellha 57 sena meta gara l-incident. Ghalhekk "multiplier" ta' tlettax-il sena biex iwassalha ghall-eta` ta' 70 sena huwa ragonevoli.

Billi ghaddew aktar minn seba' snin minn mindu sehh l-incident, ma hu se jitnaqqas xejn bhala "lump sum deduction".

Il-*lucrum cessans* ghalhekk irid jigi kalkolat hekk:

Lm2641 x 13 x 12% = Lm4119.96.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara li l-incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta' Dicembru 1992 gara unikament tort tal-imperizja, traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fis-somma ta' Lm4119.96, u
(3) tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici din is-somma ta' Lm4119.96 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Onor. Imhallef David Scicluna

D/Registratur